StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2013

IS-SITT SENA MALTI (KITBA) ĦIN: SIEGĦA

Isem: _________________________________ Klassi:_______________

| | |
|---|---|
| Marka tat-taqsima | 30 marka |
| Marka tal-Istudent/a | |

**Għall-istudent/a**

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u kunjomok kif ukoll il-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Ara li tkun fhimt sewwa t-titlu li dwaru se tikteb.
- Aħseb u ippjana sewwa qabel tibda tikteb.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Ipprova ikteb kemm jista' jkun bla ħafna żbalji ortografiċi.





www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

## L-Ewwel Parti (10 mar…

### 1. Il-Kitba ta' nota fi djarju.

**Żewġ kuġini, Jason u Maria marru ħarġa fil-kampanja mal-familja. Jason ħa gost ħafna fil-waqt li Maria ddejqet.**







Meta waslu d-dar, Jason u Maria kitbu dwar il-ġurnata li qattgħu fid-djarju tagħhom. Issa agħżel lil **Jason** <u>jew</u> lil **Maria** u uża l-immaġinazzjoni biex tikteb nota ta' bejn il-**50 u 60 kelma** dwar dak li taħseb li setgħu kitbu t-tfal fid-djarju tagħhom. Importanti li d-diskors li diġà qalu t-tfal ma jiġix ikkupjat.

*Għażiż djarju,*

StudentBounty.com

**It-Tieni Parti: Il-Pjan tal-Komponiment**

Agħżel wieħed minn dawn il-komponimenti u ikteb il-pjan tiegħek fl-ispazju mogħti lilek wara t-titli tal-komponiment. L-istampi jew il-punti mogħtija jgħinuk. Fil-pjan tikkuppjax il-punti mogħtija għaliex ma tieħu l-ebda punti.

**1. Uża l-immaġinazzjoni biex tirrakkonta l-ġrajja bil-għajnuna tal-istampi.**

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
|  |  |  |
| **4** | **5** | **6** |
|  |  |  |

**2. Ritratt li għandi għal qalbi.**

Min jidher fih dan ir-ritratt? X'qegħdin jagħmlu n-nies li jidhru fih? Għaliex jinsab għal qalbek? X'kienet l-okkażżjoni li fih ittieħed ir-ritratt? Fejn iżżommu dan ir-ritratt? Fiex ifakkrek dan ir-ritratt?

**3. Ikteb komponiment li jispiċċa b'dan il-kliem:**

**.... u minn dakinhar 'l hemm qatt aktar m'għaddejna minn dik it-triq mudlama.**

Għaliex kontu għaddejjin minn din it-triq? F'liema raħal kontu? X'kontu qed tagħmlu? Rajtu xi ħaġa stramba? Smajtu xi ħoss ikrah? Bżajtu? Kif ħassejtukom? X'għamiltu?

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**4. Meta kelli d-darsa tuġagħni.**

Kif kien wiċċek meta kellek darstek tuġgħek? Kont muġugħ ħafna? Kienet darsa mħassra? Il-ġenituri ħaduk għand id-dentist? Domt tistenna ħafna għand id-dentist? X'qallek id-dentist? Bdejt tieħu ħsieb aktar snienek minn dakinhar?

| |
|---|
| Pjan tal-Komponiment<br>Uża l-ispazju t'hawn taħt biex tippjana l-komponiment tiegħek. **(4 marki)** |

**In-numru tal-Komponiment: _______**

www.StudentBounty.com

## It-Tielet Parti: Il-Kitba tal-Komponiment (16-il marka)

**Issa ikteb il-komponiment dwar il-pjan li għamilt f'mhux aktar minn 150 kelma.**

**Numru tat-titlu: ______**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com